9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 55**

**It-Tnejn, 22 t'Awwissu 2022**

Il-Laqgħa numru 55 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 22 t'Awwissu 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa saret minuta silezju b'rispett lejn l-eks Kunsillier is-Sur Anthony Parnis li ġie nieqes fil-ġranet li għaddew.

**55.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farruiga u s-Sur Kursten Dimech ma kienux disponibbli għal din il-laqgħa.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**55.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-53 u tal-54 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet.

**55.2.2 Korrezzjonijiet**

Peress li kien hemm numru sostanzjali ta' korrezzjonijiet, dawn ġew kollha emendati kif ikkoreġuti fil-Minuti waqt il-laqgħa.

**55.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**55.3.1** Minuta 53.3.1 – Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa mas-Sur Gauci, is-Sur Silvio Vella flimkien mas-Sur Mario Coleiro.

**55.3.2** Minuta 53.3.2 – Is-Sindku informa lill-membri li t-*Traffic Management* Triq San Ġorġ / Triq Salvinu Spiteri għandu jiġi ppreżentat matul il-laqgħat li jmissna.

**55.3.3** Minuta 53.3.3 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kumitat tal-Ġieħ Santa Venera ltaqa' u qablu mal-emendi li ġew rakkomandati mill-Kunsill. L-applikazzjonijiet tal-Gieħ u Mertu Santa Venera 2022 huma miftuħa.

**55.3.4** Minuta 53.3.5 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-ittra tar-riżenja tas-Sa Joanne Grima. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li issa trid terġa' tinħareġ sejħa oħra għal Assistent Principal. Huwa informa lill-membri wkoll li l-Kunsill talab lis-Sa Romina Perici Ferrente sabiex tibgħatilna kwotazzjoni sabiex sakemm insibu Assistent Principal tkun tista tieħu ħsieb ix-xogħol relatat mal-accounts tal-Kunsill li kien issir mill-istess Assistent Principal.

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ħames applikazzjonijiet għall-Skrivan Skala 15 u fil-ġimgħat li gejjin ser issirilhom l-intervista.

**55.3.5** Minuta 53.5.2 - Is-Sindku nofrma lill-membri li l-propsota tal-Kunsill Lokali tat-tfal ma tistax issir din is-sena minħabba li issa skolasajf waslet biex tintemm u għaldaqstant din ser tkun posposta għas-sena d-dieħla.

**55.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva minn TM m'approvawx l-ideja li s-sinjali tal-one way jinbidlu u jigu b'forma ta' qalb.

55.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Kursten Dimech talbu sabiex terga' issir l-attivita' abbinata mal-Halloween fi ġnien Romeo Romano. Wara diskussijoni l-membri qablu sabiex ikun allokat l-ammont ta' €2k għal din l-attivita'.

**55.5 Rapporti / Korrispondenza**

**55.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li bħal kull sena Marigold Foundation infumat lill-Kunsill sabiex waqt il-Kampanja ta' Pink October u Movember il-Kunsill jixgħel binja.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex bħal kull sena il-Kunsill jipparteċipa u jixgħel il-bini amministrattiv.

**55.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta li is-Sur Ciappara ma qabilx mad-decizjoni li kien ħa l-Kunsill.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament li l-pożizzjoni tal-Kunsill ser tibqa' l-istess.

**55.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-iskemaSPI/SCI/9/2022 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Dan ifisser aktar ħolqien ta' spazji miftuħa jew servizzi li jikkultivaw l-appartenenza, l-inklużjoni, ambjent aktar san u sigur, ambjent soċjali li fih in-nies jistgħu jgħixu, jaħdmu, jitgħallmu u jilagħbu, aċċessibilità u mobilità sostenibbli, aktar kundizzjonijiet li fihom ir-residenti kollha, irrispettivament minn fejn huma ġejjin u l-abbilità tagħhom, jistgħu jirnexxu kemm issa kif ukoll fil-futur.

Għal dan il-għan, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qed ivara dan il-finanzjament immirat għal-proġetti varji sabiex igħin lill-Kunsilli Lokali jagħmlu dan aktar possibbli għal-komunità rispettiva tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ugwali u aktar sostenibbli għar-residenti tagħhom.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimamet sabiex il-Kunsill japplika għall-proġett ta' Pjazza Franka.

**55.5.4.** Is-Sindku informa lill-membri dwar iċ-Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022 fejn l-applikazzjoni tgħalaq it-Tlieta, 30 ta' Awwissu 2022. Din qed tagħti l-opportunità lill-Kunsilli sabiex jorganizzaw attivitajiet u jieħdu inizjattivi f'dan il-perjodu li jservu ta' għodda sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiċċelebraw dan iż-żmien kif jixraq, bl-għan ewlieni li joffru tama, inkorraġġiment, solidarjetà u inklużjoni speċjalment lejn dawk li huma anqas ixxurtajti.

Wara diskussjoni l-membri qablu b'mod inanimu sabiex il-Kunsill japplika għat-tiżjin fit-toroq u sabiex isir nar tal-ajru (kaxxa ciniza) bejn it-tmiem is-sena 2022 u l-bidu tas-sena 2023.

## 55.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 55.6.1 *Update* – Sistema tal-ġbir tal-iskart goff.

Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur D'Anastasi kien indispost u għaldaqstant ma kienx possibbli li jattendi għal din il-laqgħa u għadaqstant ser jipprova jigi għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 55.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**55.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 404 u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sa Roberta Sultana.

**55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma ġewx prezentati l-minuti tal-laqgħat jew sotto kumitati.

**55.9 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

**55.10 Ilmenti**

**55.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 600 | Contracts Manager |
| 601 | Mica Med |
| 616 | Transport Malta |
| 620 | Grima & Sons |
| 656 | Ħaddiema Assenjati |
| 659 | Ma jista' jsir mill-Kunsill |
| 669 | Ħaddiema Assenjati |
| 671 | Ħaddiema Assenjati |
| 674 | Transport Malta |
| 676 | Ma tistax issir għax m'hemmx biżżejjed quarting space |
| 678 | Ġardinar |
| 683 | Ħaddiema Assenjati |
| 689 | Ma tistax issir |
| 692 | Ħaddiema Assenjati |
| 693 | Issir mill-Kunsill Lokali Ħamrun |
| 696 | Isiru |
| 699 | Tista' issir |
| 702 | Irid Isisr |

## 55.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' Settembru 2022, fil-5.30pm

Konfermati, illum 26 ta' Settmbru minuti, 2022

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv